# Kiko u l-Ħafnajien



End Violence Against Children

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

# Kiko u l-Ħafnajien



Hawn għandna lil Kiko u Pippa. Pippa tieħu ħsieb lil Kiko, li jitgħallem ħafna meta jsegwi lil Pippa l-intelliġenti. Huma jħobbu lil xulxin u jqattgħu ħafna ħin jilagħbu u jitkellmu flimkien.

U din... hija s-suffara l-maġika! Kull meta
Kiko jsaffarha, Pippa tidhirlu maġikament.
Pippa dejjem hemm għal Kiko!

FLUII FLUII! tagħmel is-suffara l-maġika.





"Dak x'inhu?" jistaqsi Kiko.

"Dan huwa skrin. Skrins huma bħal twieqi fuq dinja oħra," twieġeb Pippa.

"Għidli iżjed dwar dan!"

"Hemm fejn tista' titgħallem ħafna affarijiet, u tieħu gost mal-ħbieb li ġejjin minn kull parti tad-dinja," tispjega Pippa.

“Iżda din tista’ tkun perikoluża, Kiko.
Trid tkun għaqli ħafna.”

“Jien għaqli ħafna, ħafna!”
jgħid Kiko.

“Kollox sew, mela, se ngħidlek
ir-regoli tad-deheb għall-użu
tal-iskrins, ismagħni sew.”





## L-ewwel

Staqsi qabel
ma tuża skrin.

## It-tieni

Aħseb qabel ma
tagħmel xi ħaġa.



u t-tielet...

"nitlob l-għajnuna jekk niġi bżonnha!" żied jgħid Kiko.




"Hekk hu, Kiko!
Qis li dejjem ikollok
is-suffara l-maġika
miegħek kull meta
tkun ħdejn skrin.
U jekk tiġi bżonn
l-għajnuna..."


"Ħej Kiko! Ejja ilgħab miegħi! Agħmel uċuħ tad-daħk u jien neħodlok ir-ritratti!"


"Ej, ma nistax naqbadhom kollha!!"

Fil-pront jitfaċċa l-Ħafnajien u dan jibda jiekol ir-ritratti. Il-Ħafnajien għandhom setgħa speċjali. Kull meta jieklu ritratt, huma kapaċi joħolqu eluf bħalu!




"Krow, Krow! Dawk tiegħi, issa!" Il-Ħafnajien jibda jidħaq huwa u jtir 'l hemm.

FLUII FLUII! Kiko jibda jsaffar is-suffara.

Issa Pippa qiegħda hawn biex tgħin!




Swif Swif! Pippa u Kiko jiġbru r-ritratti kollha. Eżatt fil-ħin!

Il-Ħafnajien itir 'l hemm.

"X'avventura dik! Issa ejja mmorru lura d-dar, Kiko!"

**Wasal il-ħin tal-banju! Splixx splexx!**
**Kiko jieħu gost bil-ħut itir.**



Il-bieb jinfetaħ u jidħol Skrin.

"Ħej Kiko! Kemm inti ħelu b'dawk il-bżieżaq tas-sapun kollha mdawrin miegħek! Nista' neħodlok ritratt?" jistaqsi Skrin.

"LE!" jgħajjat Kiko hekk kif jibda jonfoħ biex itajjar ħafna bżieżaq tas-sapun fid-direzzjoni lejn l-iskrin.

"Kollox sew, Kiko," jgħid Skrin, huwa u jtir 'l hemm.



X'ġurnata kienet! Kiko qed iħossu għajjien mejjet.

"Wasal il-ħin tal-irqad, Kiko!" tgħid Pippa.

"Kollox sew," jgħid Kiko bin-ngħas.



"Kiko, nista' neħodlok ritratt għall-album tagħna?" tistaqsi Pippa.



Tiftakar il-lezzjonijiet li tgħallem Kiko dwar it-teħid tar-ritratti?



# L-Ewwel

Dejjem irrid nistaqsi għall-permess.

# It-Tieni

Ir-ritratt tiegħi hu tiegħi!

"Kulħadd għandu jistaqsi għall-permess qabel ma jeħodli ritratt," jgħid Kiko.

"... u ħadd QATT m'għandu jieħu ritratti tiegħek mingħajr ħwejjeġ," iżżid tgħid Pippa.





# It-Tielet

Għandi d-dritt li
ngħid le!

"U jekk ma tkunx taf
x'għandek tagħmel..."
tgħid Pippa.

**FLUI FLUI!**

"Tajjeb ħafna, Kiko. Illum
kienet ġurnata mimlija
avventuri! Issa nsaffarlek
il-kanzunetta favorita tiegħek
u int dalwaqt tkun rieqed."



U waqt li Pippa qed issaffar,
Kiko jibda joħlom dwar ħelu li
jikber kullimkien.





Titlu Oriġinali:
*Kiko and the Manymes*

Kull talba relatata mar-riproduzzjoni jew it-traduzzjoni ta' kull jew parti minn din il-pubblikazzjoni għandha tiġi indirizzata lid-Direttorat tal-Komunikazzjoni (F-67075 Strasbourg Cedex jew publishing@coe.int). Kull korrispondenza oħra li tirrelata ma' din il-pubblikazzjoni għandha tiġi indirizzata lid-Direttorat Ġenerali tad-Demokrazija.

©Kunsill tal-Ewropa, Novembru 2020
Illustrazzjoni u tqassim: AFP-Services
©Kummissarju għat-Tfal, Traduzzjoni bil Malti

Dan huwa ktieb għal waqt il-ħin tal-irqad sabiex jispjega lit-tfal ta' minn erba' sa seba' snin ftit mir-regoli bażiċi dwar l-użu tal-iskrins u l-importanza li jipproteġu d-dehra u l-privatezza tagħhom. Jekk int interessat li tkun taf aktar dwar is-suġġett, jekk jogħġbok żur is-sit www.underwearrule.net.

Il-Kunsill tal-Ewropa bi gratitudni jirrikonoxxi s-sapport finanzjarju pprovdut għal dan il-programm mill-Fond ta' Temm il-Vjolenza. Il-Fond ta' Temm il-Vjolenza jipprovdi sapport finanzjarju għall-programmi li jwasslu soluzzjonijiet prattiċi u innovattivi biex jipproteġu lit-tfal mill-abbuż u sfruttament onlajn.

Il-Kunsill tal-Ewropa huwa l-organizzazzjoni ewlenija tal-kontinent għad-drittijiet umani. Huwa jikkonsisti fis-46 stat membru, inklużi l-membri kollha tal-Unjoni Ewropea. L-istati membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa ffirmaw il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani, trattat magħmul biex jipproteġi d-drittijiet umani, id-demokrazija u s-saltna tad-dritt. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani tħares l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fl-istati membri.

MLT

End Violence Against Children

be SMART ONLINE!

INHOPE insafe

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

Dan il-ktejjeb ġie stampat bl-għajnuna tal-BeSmartOnline! li huwa ko-finanzjat mill-Facilità Nikkollegaw l-Ewropa tal-Unjoni Ewropea